MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 401/1997/1

Francis Apap
vs
Mid-Med Bank Limited u b’nota tas-17 ta’ Frar 2000 l-isem gie mibdul ghal HSBC Bank Malta p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi r-rikorrent ilu mpjegat mal-Bank intimat mill-1977, u fil-1983, huwa kien promoss ghal Clerk II, u f'Ottubru 1985, kien promoss ghal Supervisor I jew 'B' Signiture.

Illi fil-1989, fil-waqt li diversi impjegati li kienu 'junior' ghar-rikorrent, gew promossi ghal Supervisor II jew 'A' Signiture, huwa ma kienx promoss, minghajr ma nghata raguni u gustifikazjoni.

Illi fl-1990, fil-waqt li impjegati ohra 'junior' tar-rikorrent, gew promossi ghal Supervisor II, huwa rega' ma giex promoss, minghajr ma nghatat raguni u gustifikazjoni.

Illi r-rikorrent gie promoss ghal 'A' Signiture fil-1992, izda billi kien intefa' lura fis-'seniority' ghaliex ma kienx inghata l-promozjoni fil-1989 u fil-1990, ma lahaqx Manager I, bhal ma ghamlu l-impjegati shabu li kienu hadu promozjoni fil-1989 u fil-1990, u dana ghaliex huwa ma kellux is-'seniority' mehtiega fil-grad ta' Supervisor II jew 'A' Signiture.

Illi ghalhekk ir-rikorrent garrab ingustizzji fl-impjieg tieghu u ghadu jbati l-konsegwenzi taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal jinvestiga l-ilmenti msemmija skond l-Att VIII tal-1997, u jaghti rimedju xieraq billi jiddikjara li r-rikorrent kien jisthoqqlu li jinghata l-promozjoni ghal 'A' Signiture fil-1989 u/jew fil-1990, u li ghalhekk ghandu jinghata l-promozjoni b'effett retroattiv ghal dik id-data, u ghalhekk ukoll ghandu jinghata l-promozjoni ghal Manager I b'effett mill-1995, u ghandu jinghata bhala kumpens finanzjarju dak kollu li r-rikorrent naqas li jippercepixxi peress li ma kienx inghata l-imsemmija promozjonijiet ingustament.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Bank li eccepixxa:

1. Illi filwaqt li huwa minnu li r-rikorrent ilu mpjegat mal-bank intimat ghall-perjodu minnu msemmi, huwa minnu wkoll li l-Bank dejjem u konsistentement mexa b'mod regolari u korrett mieghu, skond ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet tal-impjieg preskritti, kemm dwar l-istess rikorrent u kif ukoll dwar l-impjegati shabu.

2. Illi l-kundizzjonijiet tal-impjieg preskritti relattivament ghar-rikorrent u shabu huma mfissra fi Ftehim Kollettiv, u dwar l-ghoti ta' promozzjonijiet, jinghad bl-aktar mod car li l-ghoti ta' promozzjonijiet ma

jiddependix biss mill-anzjanita' tal-impjegat, imma minn diversi fatturi ohrajn.

3. Illi, ghalhekk, minbarra li l-ilment tar-rikkorent huwa nfondat, huwa mibni biss fuq konsiderazzjonijiet li, kieku l-Bank intimat kellu jimxi fuqhom biss, kien ikun qieghed jaghmel ingustizzja mal-impjegati l-ohrajn.

4. Illi r-rikorrent innifsu jistqarr li, meta kien jisthoqqlu, l-Bank intimat gharaf jaghtih il-promozzjoni lilu spettanti.

5. Ghaldaqstant, l-intimat jissottometti li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrieh.
Ra l-lista tax-xhieda esebita mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent xehed u kkonferma l-ezattezza tar-rikors. Qatt ma gie moghti gustifikazzjoni ghaliex inqabez fid-diversi promozzjonijiet. Kompla jghid illi fl-annual reports qatt ma kien hemm ilmenti dwar xi rapporti hziena fuqu, anzi dejjem kellu rapporti tajbin. Qabzuh xi tmienja minn nies li kien senior taghhom, dejjem fil-branch ta` Ghawdex fl-1989. Meta fl-1990 regghu hargu promozzjonijiet ohra rega' inqabez u gie promoss fl-1992.

Semma wkoll il-kaz ta` Joseph Refalo li kien ha diversi warnings u wara 6 xhur kien gie moghti promotion ghal Signatory B. Fil-kaz ta` Publius Borg dan ukoll kellu diversi rapporti hziena u wara ftit ha promotion, ghalkemm hu personalment qatt ma ra r-rapporti.

Gew esebiti diversi appraisal reports tar-rikorrent Francis Apap, u ta' Publius Borg, John Mario Cauchi, Joseph Refalo u Leone Sciortino.

Xehed John Bezzina li jahdem mal-HSBC bhala Assistant Manager Human Resources u semma li l-procedura dwar il-promotions fil-Bank kif stipulata fil-Collective Agreements hija dejjem illi skond id-Dokument "A" li esebixxa fil-paragrafu 9 tieghu jghid: "The Bank shall be guided principally by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority" u mhux necessarjament f'din l-ordni.

Semma illi fis-16 ta' Novembru 1985 ir-rikorrent kien gie promoss ghal Signatory B li dak iz-zmien kien jissejjah Supervisor I.

Irriferixxa ghall-appraisal reports li jista' jkollok bhala l-ahjar "Outstanding", imbaghad "Very good", imbaghad "Good", imbaghad "Satisfactory overall", "Room for improvement" u "Unsatisfactory". Dwar l-assessments tar-rikorrent kellu tal-1986, 1987 u 1988 kellu "Satisfactory Overall", tal-1989 "Good" u tal-1991 "Very Good".

**KONKLUZJONIJIET:**

Mid-dokumenti esebiti fil-process, senjatament minn dak esebit a fol 213 tal-process jidhru l-appointments moghtija mill-Mid Med Bank fis-16 ta' Marzu 1989 b'effett mill-1 ta' Frar 1989 u fil-lista ta' Signatory A a fol 215 tal-process hemm l-ismijiet ta' Borg Publius, Cauchi John u Joseph Refalo.

Mid-dokument a fol 218 johorgu l-appointments li hargu fl-10 ta' Dicembru 1990, pero` b'effett mill-1 ta' Jannar 1991 fejn fil-lista Signatory A a fol 219 tal-process jirrizulta l-isem ta' Leone Sciortino.

It-Tribunal kellu l-opportunita` li jezamina l-appraisal reports ta' xi 10 snin tar-rikorrent kif ukoll ta' John Cauchi, Publius Borg u Joseph Refalo li lahqu fil-kariga ta' Supervisor II jew Signatory A fil-1989, kif ukoll ta' Leone Sciortino li lahaq f'dan il-grad fl-1990.

Minn ezami ta’ l-appraisal reports tar-rikorrent jirrizulta li dan kellu 4 “Very Goods”, 3 “Good”, 3 “Satisfactory Overall”. Pero` dawk riferibbli ghall-1986 sal-1988 kienu “Satisfactory Overall” tal-1989 kien “Good”.

Meta wiehed jezamina ta’ John Cauchi jirrizulta li dan kellu 9 “Goods” u 1 “Room for improvements” kif jirrizulta a fol 85 tal-process. Dawk tas-snin 1986, 1987, 1988 u 1989 kienet wiehed “Room for improvement” waqt li t-2 l-ohra kienu “Good”.

Fil-kaz ta’ Publius Borg dan kellu 2 “Very Good”, 6 “Good”, 2 “Satisfactory Overall” u 1 “Room for improvement”. Ir-“Room for improvement” kif jidher a fol 65 tal-process kien fl-1986, fl-1987 “Satisfactory overall”, fl-1988 “Good” u fl-1989 “Very Good”.

Ta’ Joseph Refalo kien jikkonsisti f’7 “Very Good” u 3 “Good”. Waqt li ta’ Leone Sciortino 4 “Good”, 3 “Satisfactory Overall” u 4 “Room for improvement”.

Minn ezami tal-appraisal reports ghalhekk jidher li r-record ta’ Francis Apap huwa certament komparabbli ma’ dak ta’ John Cauchi, ftit ahjar minn ta’ Publius Borg aghar minn ta’ Joseph Refalo u certament superjuri ghal dak ta’ Leone Sciortino.
Meta wiehed ihares lejn il-kwalifiki li kellhu r-rikorrent kif ukoll in-nies li semma specifikatament u cioe` lil John Cauchi, Publius Borg, Joseph Refalo u Leone Sciortino hlief ghal kaz ta’ dan l-ahhar, l-ohrajn jidher li kellhom kwalifiki akkademici inqas minnu. Ta’ hadd ma huma specjali pero` zgur li r-rikorrent ma kellux kwalifiki inqas mill-ohrajn f’linja generali.

L-argument tar-rikorrent illi l-warnings li nghataw shabu l-ohrajn ma jiswew xejn ghall-promotion jista’ biss iservi mhux biex jikkonvinci lil dan it-Tribunal, izda biex xi persuna li tkun fil-Bank u li tircievi warnings tista’ tirrispondi li dawn ma jiswew xejn. Certament wiehed ma jistax iqis li warning jibblokkjak mill-promozzjonijiet ghall-bqija ta’ hajtek ghax dan zgur li mhux qed jinghad mit-Tribunal, pero` cetament meta wiehed jasal biex jekk ikun

hemm persuni illi ghandhom seniority anqas minn persuna ohra, ghandhom kwalifiki anqas minn persuna, ghandhom assesment reports bhal jew anqas minn persuna, f'dak il-kaz m'hemmx raguni valida biex persuna tinqabez.

Is-sottomissjonijiet ta' l-intimat illi l-kriterji tal-promozzjonijiet huma bbazati u jirriflettu fuq kemm jisthoqqlu l-kandidat u mhux fuq kemm ma jisthoqqilhomx kollegi tieghu, specjalment meta wiehed jikkunsidra illi dan mhux kaz ta' "numerus clausus", mhux argument validu. It-Tribunal ghandu obbligu li jara jekk sarux ingustizzji u jiccensura tali ingustizzji.

F'dan l-istadju, t-Tribunal ihoss li ghandu jikkwota mis-sentenza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 li tghid:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ghalhekk jidher car illi meta nghataw il-promozzjonijiet fi zmien imsemmi u cioe` promozzjonijiet tal-1989 kif ukoll tal-1990 mill-grad ta' Supervisor I 'B Signatory' ghal dak ta' Supervisor II 'A Signatory' fil-kaz tar-rikorrent giet kommessa ingustizzja u ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijet tal-Bank intimat. Jidher car illi li l-collective agreement ma giex mizmum fil-konfront tieghu ghax fil-fatt irrizulta li r-rikorrenti kellu appraisal reports superjuri jew ugwali ghal ta' nies li kienu inqas senior minnu kif ukoll kellu anke kwalifiki ekwiparabbli u f'xi kazijiet ahjar minn ta' nies ohra. Bizzejjed jinghad illi wiehed minn dawk li

effettivament lahaq qablu fl-1990 addirittura dan fl-ahhar reports bejn l-1986 sal-1991 kellu 4 “Room for improvement” u 3 “Satisfactory Overall” biss, waqt li tar-rikorrent kienu ferm superjuri ghal tieghu.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Supervisor II ‘Signatory A’, jew ekwivalenti taghha mill-1989 mill-istess data meta haduha l-kollegi tieghu, li mid-dokument a fol 213 tal-process jidher li hija l-1 ta’ Frar 1989, u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Dwar l-aspett tal-promozzjonijiet sussegwenti u cioe` dik fejn talab illi wkoll minhabba l-fatt illi hu ma hax dik il-promozzjoni tilef ukoll promozzjonijiet ohra, dan certament it-Tribunal japprezzah, jifhem il-problemi li ghadda minnhom ir-rikorrent, pero` sfortunatament ma ghandux ir-rimedju adegwat ghalihom u cioe` t-talba tar-rikorrent halli jinghata l-promozzjoni ghal Manager I b’effett minn 1995 ma jistax jidhol f’apprezzament tieghu ghax naturalment huwa impossibbli ghat-Tribunal illi jasal biex jaghmel l-assessment necessarji biex jara l-idonjeta` o meno ta’ l-istess rikorrent li kieku hu nghata l-ewwel promozzjoni. It-Tribunal sfortunatament ma ghandux rimedju dwar dan u ghalhekk din il-parti tat-talba hija michuda.

Spejjez kontra l-Bank intimat.